MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 3/2015

**Il-Pulizija**

**v.**

**Luigi Cirella**

**Luciano Siviglia**

***... omissis ...***

***... omissis ...***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Luigi Cirella u Luciano Siviglia talli nhar-il 21 ta’ Diċembru 2014 u / jew fil-jiem u l-ġimgħat ta’ qabel xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe` vetturi ta’ l-għamla Mercedes ML, Range Rover Evoque, Mercedes S Class u kif ukoll Mini Minor bin-numru ta’ reġistrazzjoni mhux magħrufa, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, u / jew ġewwa Malta xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom u / jew imexxuhom;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-22 ta’ Diċembru 2014 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Luigi Cirella u Luciano Siviglia ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom u kkundannathom għal piena karcerarja effettiva ta’ ħames xhur;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell tal-istess Luigi Cirella u Luciano Siviglia ppreżentat fit-2 ta’ Jannar 2015 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonferma l-htija fuq l-ammissjoni ta’ l-istess appellanti, tvarja l-piena inflitta ta’ ħames (5) xhur priġunerija u minflok tikkundannahom għal piena b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta jew għal piena taħt il-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan taht kull ordni jew direttiva li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportun fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet is-sottomissjonijiet; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena peress illi, skond l-appellanti, l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatti kollha tal-każ u / jew għamlet konsiderazzjonijiet żbaljati meta ġiet biex tinfliġġi l-piena fil-konfront tagħhom. Huma jgħidu:

> “Il-konsiderazzjonijiet li ghandha tipproduci u tirregistra l-Ewwel Qorti fis-sentenza huma l-fehma tal-istess Qorti wara li tqis mhux biss il-fatti kollha tal-kaz u l-ammissjoni bikrija tal-appellant, izda c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan ma huwiex biss fid-dmir procedurali tal-Ewwel Qorti izda huwa dritt fundamentali tal-appellanti sabiex l-istess appellant u s-socjeta` jifhmu u japprezzaw kemm il-kwalita` kif ukoll il-kwantita` tal-piena nflitta.
>
> “F’dan il-kaz, wara l-ammissjoni tal-appellanti, l-Ewwel Qorti tghid li ‘*hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati u l-fatt li huma*

*ikkoperaw mal-pulizija*'. Tonqos milli ssemmi wkoll li l-appellanti ghandhom fedina penali netta, li l-vetturi gew immedjatament mghoddija lill-pulizija, u li, kif anka tratta l-Ufficjal Prosekutur, tajjeb jew hazin, l-appellanti gew ingannati minn terzi persuni dwar il-legalita` tal-vetturi li kienu qeghdin isuqu.

"F'dan il-kaz l-Ewwel Qorti, kellha a beneficcju taghha din l-informazzjoni kollha u kellha turi aktar sensibilita` ghal dawn il-fatturi fl-amministrazzjoni tal-piena.

"Inoltre l-Ewwel Qorti tghid li l-piena karcerarja nflitta lill-appellanti ghandha '*isservi wkoll bhala deterrent ghal nies barranin ohra li jigu Malta biex jikkomettu reati*'. B'kull dovut rispett, din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tigi skartata. Asserzjoni bhal din taghti l-impressjoni li l-Ewwel Qorti qed timxi b'diskriminazzjoni bejn l-appellanti sempliciment ghax huma '*nies barranin*'. Fil-fatt, l-appellanti jissottomettu umilment li f'kazijiet ohra fejn persuni Maltin gew kundannati ghar-reat ta' ricettazzjoni, il-piena kienet kwazi dejjem u nvarjabbilment wahda b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jew tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk , tenut kont li l-gustizzja mhux biss *ghandha ssir* izda ghandha dejjem *tidher li qed issir*, din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti tmur kontra d-dritt ghal proceduri gusti u ghal nuqqas ta' diskriminazzjoni kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Barra minn hekk, l-appellanti ma ghandhom qatt jigu trattati bhallikieku huma xi soggetti sperimentali li permezz taghhom tinghata lezzjoni lil xi terzi persuni! L-appellanti ftit li xejn ghandhom xi jzidu f'dan ir-rigward ghajr li konsiderazzjoni bhal din hija llegali oltre li tmur kontra d-dettami tal-principji ta' gustizzja naturali.

"F'kull kaz, l-Ewwel Qorti bhallikieku tiskarta l-fatti kollha hawn fuq imsemmija, liema fatti kellhom jaghtu lill-appellanti trattament (u konsegwentement piena) bl-istess mod kif applikata f'kazijiet ohra bl-istess fatti specie. L-Ewwel Qorti donnha skartat ukoll il-gurisprudenza dwar il-piena normalment inflitta f'kazijiet ohra ta' ricettazzjoni, u minflok, ticcita sentenza dwar fatti li m'ghandhom xejn x' jaqsmu mal-kaz li kellha quddiemha sabiex tiggustifika l-piena karcerarja nflitta minnha.

"Fil-fatt l- Ewwel Qorti ssemmi s-sentenza fl- ismijiet **Pulizija vs Andrei Dragos Opincaru** (Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fit-12 ta' Frar 2009). Il- fatti f'din is-sentenza pero` kienu ferm u ferm 'il boghod minn dawk tal-appell odjern. Fil-fatt, l- imputazzjonijiet ezaminati fis-sentenza ta' Opincaru kienu jittrattaw reati serjissimi rigwardanti kriminalita` organizzata, frodi a detriment ta' zewg banek lokali, uzu ta' dokumenti foloz, falsifikazzjoni, u *hacking.* Meta fis-sentenza citata l-Qorti tal-Appell tikkummenta dwar in-nuqqas ta' effikacja ta' sentenza sospiza fil-konfront ta' l-appellant Opincaru, hija dejjem kienet qed izzomm f'rasha n-natura u l-gravita` tal-imputazzjonijiet li kellha quddiemha, l-affidabilita` tal-appellant, u elementi ohra partikolari ghal dan il-kaz. Tant huwa hekk li l-istess Qorti ta' l-Appell tikkummenta li piena ta' prigunerija sospiza ma tkunx deterrent '*where internationally organized crime is concerned*'. Ghalhekk,

b'kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti zbaljat meta kkunsidrat ir-ragunament tas-sentenza ta' Opincaru u applikatu ghall-kawza li kellha quddiemha.

"Il-piena nflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tallum.

"L-appellanti huma zewgt irgiel tal-familja bit-tfal. L-appellant Cirella sahansitra ghandu t-tfal zghar hafna u l-appellant Siviglia ghandu l-mara tieghu li qed tiehu kura medika ghal tumur. Certament, sentenza karcerarja mhux biss ser tkun kastig sproporzjonat ghall-appellanti li fl-ahhar mill-ahhar, lanqas biss kienu jafu bir-reat li kienu qed jikkommettu, izda ser titfa' lura wkoll zewg familji bit-tfal zghar u b'persuna b'ezigenzi medici serji, kollha jiddependu mill-appellanti ghall-ghixien taghhom u ghal saqaf fuq rashom. B'sentenza karcerarja, ir-retribuzzjoni ser timpingi inutilment mhux biss fuq l-appellanti izda fuq il-familji taghhom. Fl-ahhar mill-ahhar, il-hsieb tal-appellanti kien biss li jaghmlu negozju genwin biex jippruvaw jaqalghu ftit tal-flus ghall-ghixien taghhom u dik ta' familthom.

"L-appellanti jaghmlu umli referenza ghal numru zghir hafna ta' sentenzi ricenti, kollha dwar serq u ricettazzjoni, li f'kollha kemm huma, il-Qrati taghna dejjem u konsistentement infliggew piena ta' sentenza sospiza jew piena ohra taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellanti jaghmlu referenza ghas- segwenti sentenzi :

"**Pulizija vs Jonathan D'Amato** (moghtija per Magt. Consuelo-Pilar Scerri Herrera fit-2 ta' Dicembru 2014) fejn il-Qorti, rinfaccjata bl-imputazzjoni tar-ricettazzjoni ta' valur akbar minn dak ta' l-imputati (flimkien ma' akkuzi ohra aktar serji), ikkundannat lill-imputat ghal 18-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin bl-applikazzjoni tal-art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

"**Pulizija vs Warren Bartolo** (moghtija per Magistrat Dr Ian Farrugia fl-1ta' Dicembru 2014) fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u lliberatu bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar mis-sentenza ai termini ta' l-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Pulizija vs Mario Farrugia** (moghtija per Magt. Dr Antonio Giovanni Vella fl-20 ta' Novembru 2014) fejn il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin ai termini tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Pulizija vs Daniel Farrugia** (moghtija per Magt. Dr. Antonio Giovanni Vella fl-20 ta' Novembru 2014) fejn il- Qorti sabet lill-imputat hati ta' ricettazzjoni ta' oggetti li l-valur taghhom kien jeccedi is-somma ta' €2,329.37 izda xorta wahda kkundannatu ghal 18-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Pulizija vs Darren Debono** (moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali, per Onor. Imh. Joseph Galea Debono fil-15 ta' Jannar 2009) fejn il-Qorti ta' l- Appell Kriminali sabet lill-imputat hati ta' ricettazzjoni u kkundannatu ghal piena ta'

sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin b'applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Pulizija vs Alfred Brown** (moghtija per Magt. Dr Consuelo-Pilar Scerri Herrera fil-25 ta' Awwissu 2014) fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' ricettazzjoni ta' oggetti fil-*bracket* ta' valur bhal fil-kaz odjern u lliberatu bil- kundizzjoni il ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai termini tal-Art. 22 ta' l- Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Pulizija vs Mark Brincat** (moghtija per Magt. Dr. Miriam Hayman fit-23 ta' Lulju 2014) fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' diversi reati relatati ma' *money laundering* u ta' ricettazzjoni u kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin b'applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Dawn huma biss ftit sentenzi li juru li l-piena nflitta ghal akkuza ta' ricettazzjoni hija wahda li, b'mod generali, il-Qrati taghna ma japplikawx piena ta' natura karcerarja. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti jhossu li l-Ewwel Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha li hawn fuq inghadu kellha, anke fid-dawl tal-konsistenza gurisprudenzjali, tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-Art. 28A tal- Kap. 9 jew dawk tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta sabet lill-appellanti hatja.

"L-appellanti jissottomettu bir-rispett illi sahansitra anka f'kazijiet fejn persuna diga` kellha antecedenti penali li ghalihom tkun ibbenefikat mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 446, il-Qrati taghna regghu applikaw l-istess disposizzjonijiet sabiex fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dak il-kaz, joholqu bilanc gust bejn l-element retributtiv u dak riformattiv.

"B'mod analogiku u ghall-finijiet ta' principju biss, fis-sentenza Pulizija vs **Rimar Hatherly u Justin Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tghallem hekk: *Issa ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq ta' l-antecedenti penali ta' dak li jkun… mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li ma ghandhiex fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il- Kap. 446.*

"B'analogija wkoll, l-appellanti jaghmlu referenza ghal dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Pulizija vs George Farrugia**, fejn l- istess Qorti, wara li rat li l-akkuzat kellu sahansitra 42 faccata fedina penali, b'total ta' 77 kundanna (sitwazzjoni li tmur ferm u ferm lil hinn mis-sitwazzjoni tal-appellanti), hija xorta ma qisitx li l-imputat f'dak il- kaz kien f'sitwazzjoni irriversibbli: '*fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta…Anke fil-kaz ta' persuna ta' l- eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija*'. Issa fil-kaz odjern, is-sitwazzjoni hija ferm u ferm anqas serja in

kwantu l-appellanti huma nies b'fedina assolutament netta, oltre l- fatti l-ohra kollha kif inghad aktar 'il fuq.

"Huwa vera li in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mill-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas jew differenti minn dik li tkun fil-fatt inghatat. L-iskop tal-piena, pero`, kif *del resto* tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Anton Vassallo** deciza fis-26 ta' Marzu 2014, huwa li nies li huma minacca ghas-socjeta` jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni – izda l-iskop ewlieni huwa dak tar-riforma tal-hati.

"F'dan il-kaz, il-piena karcerarja la sejra zzomm barra mic-cirkolazzjoni nies li huma minaccja ghas-socjeta` taghna, u lanqas sejra tirriforma lill-istess nies minn xi vizzju jew komportament kriminuz li huma ghandhom. L-appellanti huma nies b'kondotta incensurata u la huma minaccja, wisq anqas periklu ghas-socjeta`. F'kull kaz, dak li gara gara kollu minghajr l-gharfien taghhom li kienu qed igibu ruhhom b'mod kriminuz. Ghal din ir-raguni wkoll, l-appellanti jissottomettu bir-rispett li piena karcerarja zgur il ma kinitx dik idonea. "

**6.** Issa, mill-atti jirriżulta illi l-appellanti ammettew l-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom fl-ewwel seduta miżmuma mill-ewwel Qorti. L-ammissjoni tagħhom kienet inkondizzjonata. Fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, kif anke aċċettat mill-appellanti, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** L-ewwel nett jingħad illi ma hemm l-ebda dubju li l-piena hi fil-parametri tal-liġi. L-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li r-riċettazzjoni ta' oġġett ġej minn serq hu punibbli bil-pieni tas-serq skond il-valur tal-ħaġa. Skond l-artikolu 279 ta' l-istess Kap. 9, il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur"

biss, jeħel - (*a*) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin; (*b*) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Mela l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-minimu possibbli fejn si tratta ta' oġġett li l-valur tiegħu ma jeċċedix €2,329.37.

**8.** Issa, fl-imsemmija ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti, wara li l-appellanti ammettew l-imputazzjoni dedotta, ġie reġistrat dan il-verbal: *"Il-Qorti wissiet lill-imputati Luigi Cirella u Luciano Siviglia bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tagħhom u senjatament li l-piena massima għall-imputazzjoni dedotta kontrihom tista' twassal għal piena ta' seba' (7) snin priġunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputati ħin adegwat biex jikkonsultaw mal-Avukat difensur tagħhom u jaraw jekk iridux jirrevedu l-posizzjoni tagħhom, l-imputati reġgħu kkonfermaw l-ammissjoni tagħhom."*

**9.** Jiġifieri l-appellanti ppersistew fl-ammissjoni tagħhom nonostante li ġew imwissija li kienu qegħdin jiffaċċjaw sentenza ta' priġunerija. Huma ammettew ukoll nonostante dak li qegħdin jallegaw fl-appell tagħhom illi "gew ingannati minn terzi persuni dwar il-legalita` tal-vetturi li kienu qeghdin isuqu", li "lanqas biss kienu jafu bir-reat li kienu qed jikkommettu", u li "il-hsieb tal-appellanti kien biss li jaghmlu negozju genwin biex jippruvaw jaqalghu ftit tal-flus ghall-ghixien taghhom u dik ta' familthom".

**10.** L-appellanti jirreferu għal numru ta' sentenzi fejn ingħataw pieni alternattivi għal dik ta' priġunerija effettiva. Bħalma dejjem jingħad, pero`, il-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi eżaminat skond il-fattispeċje tiegħu. F'dan il-każ l-ewwel Qorti kkunsidrat l-istqarrijiet ta' l-appellanti u kkonkludiet, fil-fehma ta' din il-Qorti raġjonevolment, illi ma setgħetx temmen il-verżjoni tagħhom li kienu taħt l-impressjoni li l-vetturi kienu tal-kiri u ma kinux jafu li kienu misruqa.

**11.** L-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti naqset milli ssemmi wkoll li huma għandhom fedina penali netta, u li l-vetturi ġew immedjatament mgħoddija lill-pulizija. Huwa minnu li l-fedina penali ta' l-appellanti hi netta, almenu in kwantu tirreferi għal pajjiżna, u jidher li din kienet l-ewwel darba li ġew f'pajjiżna. Kwantu għall-fatt li l-vetturi ġew mgħoddija lill-Pulizija, dan kien għax inqabdu.

**12.** L-appellanti jilmentaw illi l-ewwel Qorti ddiskriminat fil-konfront tagħhom għax huma barranin. Huwa minnu li l-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, qalet, fost konsiderazzjonijiet oħra, li piena effettiva ta' priġunerija "għandu jservi wkoll bħala deterrent għal nies barranin oħra li jiġu Malta biex jikkommettu reati". Filwaqt illi piena għandha sservi bħala deterrent għal kulħadd, kemm għal min jirċeviha kemm għas-soċjeta` in ġenerali (barranin u mhux), irid jingħad illi diversi sentenzi kkummentaw dwar barranin li jabbużaw mill-ospitalita` muri lilhom mill-ġens Malti meta jkunu qed iżuru dawn il-Gżejjer. Fil-każ in eżami l-appellanti ndaħlu biex imexxu karozzi ta' ċertu lussu u li l-prezz tagħhom ċertament jisboq bil-bosta dak ta' €2,329.37. Jiġifieri proprjament il-piena minima kellha tkun ta' tlettax-il xahar priġunerija.

**13.** Bħalma ntqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [1]

**14.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-<u>quantum</u> u n-natura tal-piena nflitta.

---

[1] Page 1695, para. D23.45

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------